**4 ta' Diċembru, 1998**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. (His.) S.**
**Onor. Albert Manchè LL.D.**

Gaspare Xuereb

*versus*

Sammy Meilaq *et noe*

**Danni - Responsabbilità - Korriment - Debilità - Għajn - Telf ta'**

*L-attur aġixxa għad-danni minħabba telf ta' għajn. Il-Qorti ta' l-Appell ikkonfermat is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti li sabet għar-responsabbilità u ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni. Ġie addottat il-metodu ta' kwantifikazzjoni ta' danni li l-ġurisprudenza kienet segwiet.*

Il-Qorti:-

Il-konvenut, impjegat tat-Tarzna, aġixxa għal dikjarazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident waqt ix-xogħol li fih tilef id-dawl minn għajn waħda u għal-likwidazzjoni ta' danni konsegwenzjali u kundanna ta' ħlas ta' l-istess b'dan l-att taċ-ċitazzjoni:

"L-attur, wara li ppremetta illi fit-22 ta' Awissu, 1981, waqt li l-attur kien qed jaħdem fit-Tarzna, b'inkarigu tal-konvenuti *nomine*, huwa weġġa' serjament f'għajnejh il-leminija u sofra diżabilità permanenti kif jirriżulta mill-anness ċertifikat mediku, immarkat dok. A;

U billi dan il-korriment li sofra l-attur u d-danni riżultanti minnu jaqgħu u huma koperti b'*Personal Accident Insurance Policy* li l-konvenuti *nomine* effettwaw a benefiċċju tal-ħaddiema kollha tat-Tarzna, inkluż l-attur;

U billi l-konvenuti *nomine* qed inġustament u mingħajr dritt jirrifjutaw li jressqu dan il-każ ta' korriment li sofra l-attur quddiem il-kumpannija assikuratriċi li ħarġet il-*Personal Accident Insurance Policy* in kwistjoni u b'hekk l-attur qed jiġi ppreġudikat fid-drittijiet tiegħu li jirċievi kumpens xieraq kif tipprovdi l-istess polza;

L-istess attur talab li din il-Qorti, għar-raġunijiet premessi, prevja d-dikjarazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident *de quo* da parti tal-konvenuti *nomine*;

Tiddeċidi u tiddikjara illi l-korriment li fih weġġa' l-attur fit-22 ta' Awissu, 1981 u d-danni riżultanti minnu jaqgħu u huma koperti bil-*Personal Accident Policy* viġenti għall-ħaddiema tat-Tarzna;

Tillikwida, okkorrendo bl-opra ta' periti *nominandi*, il-kumpens ossia benefiċċju dovut lill-attur a bażi ta' l-istess polza ta' assikurazzjoni kif ukoll oħrajn li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

Tikkundanna lill-konvenuti *nomine* jħallsu lill-attur l-ammont li jiġi hekk likwidat";

Il-konvenuti *nomine* hekk eċċepew għat-talbiet attriċi:

"Preliminarjament il-preskrizzjoni a tenur ta' l-artikolu 2258 tal-Kodiċi Ċivili;

Bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet segwenti, kif formulati t-talbiet attriċi, il-ġudizzju mhuwiex integru;

Fi kwalunkwe każ, it-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt billi l-*Personal Accident Insurance Policy* tirregola biss ir-relazzjonijiet bejn il-Malta Drydocks u l-assikuraturi tagħha u l-benefiċċjarju taħt din il-*policy* hija l-istess Malta Drydocks;

*Fil-meritu, il-Malta Drydocks bl-ebda mod ma taħti għall-*inċident imsemmi u kwalsiasi danni konsegwenzjali li seta' sofra l-attur;

Fi kwalunkwe każ, u bla preġudizzju għas-sueċċepit, ma huwa dovut ebda kumpens taħt il-*policy* imsemmija";

L-allura Qorti tal-Kummerċ b'sentenza tagħha tas-17 ta' Ottubru, 1995 hekk iddeċidiet il-kawża:

"Prevja li tiċħad l-ewwel (1) u r-raba' (4) eċċezzjoni tal-konvenuti *nomine* u prevja li tiddikjara l-istess konvenuti *nomine* responsabbli għall-inċident in kwistjoni li fih l-attur sofra debilitazzjoni permanenti;

Tiċħad l-ewwel (1) talba ta' l-attur;

Tiċħad it-tieni talba tiegħu in kwantu diretta għal-likwidazzjoni ta' kumpens a bażi tal-polza ta' assikurazzjoni msemmija *fl-istess talba u tilqa' din it-tieni (2) talba biss u*

limitatament fil-konfront tad-danni likwidati fl-ammont ta' Lm5,400 (ħamest elef u erba' mitt lira Maltija) kif fuq spjegat;

Fl-aħħarnett tilqa' t-tielet talba ta' l-attur u għalhekk tikkundanna lill-konvenuti *nomine* li jħallsu din is-somma ta' Lm5,400 lill-attur;

L-ispejjeż jitħallsu kwantu għal sebgħin fil-mija (70%) mill-konvenuti *nomine* u r-rimanenti tletin fil-mija (30%) iħallashom l-attur";

L-Ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza tagħha:

"Ir-relazzjoni peritali tgħid testwalment hekk:

"Ma jidhirx li l-konvenuti sostnew l-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni fid-dawl tad-dokumenti li ġew esebiti mill-attur;

Mhux spjegat biċ-ċitazzjoni jekk l-attur hux qed jibbaża t-talbiet tiegħu purament fuq il-meritu tal-*Personal Accident Insurance Policy* jew fuq dak li hemm ikkontemplat fl-artikolu 1003 tal-Kodiċi Ċivili, jew it-tnejn. Dak li jirriżulta bla ebda dubbju hu li l-attur korra f'għajnejh il-leminija fit-22 ta' Awissu, 1981, waqt li kien qed jaħdem fil-Malta Drydocks fuq xogħol li ġie mqabbad u li qabel dak l-inċident hu qatt ma kien ħass xejn;

Jirriżulta ukoll li mill-ħin ta' dak l-inċident l-attur beda bit-tobba u bil-kura u li sal-lum baqa' jħoss l-effett ta' dak li ġara;

Mhux eskluż li l-attur għamel ħsara lilu nnifsu meta beda jħokk għajnejh, imma wieħed ma jistax faċilment jiċċensura

bniedem li jsib ruħu fil-posizzjoni ta' l-attur u li forsi ma jġibx ruħu bl-aħjar mod f'mument ta' kriżi;

Dak li hu importanti hu, li kif intqal fil-kawża, fl-ismijiet **John Sultana *vs* Francis Spiteri *et noe***, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti (per George Schembri J.) fit-28 ta' Mejju, 1979, min iħaddem għandu "id-dover li jara li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sikurezza għal min ikun qed jaħdem";

Kien ikun tabilħaqq ideali kieku l-attur seta' jwarrab hekk kif bdew jaħdmu fil-viċinanzi *ċ-chippers*. Imma bejn għaliex ħassew (l-attur u x-xhud Joseph Zammit) li kienu *at a safe distance* u bejn għaliex "wieħed ma jridx itellef lill-ieħor", l-attur u sieħbu baqgħu sejrin bix-xogħol tagħhom. Wara kollox, kien hemm l-imgħallem John Abdilla, li kellu fejn jintervjeni għaliex dak kien l-inkarigu tiegħu. Imma ħadd m'għamel xejn u ġara li ġara;

Veru li l-attur remotament seta' forsi bassar li tista' ttir *chip* (għalkemm min ser tiġih f'rasu li tali *chip* ser tolqtu *at all places* f'għajnejh), imma, kif intqal fid-deċiżjoni **Smith *vs* Baker & Sons** (1891), irrapportata f'diversi *text books* Ingliżi, fosthom l-awtur Munkman, *Employer's Liability at Common Law*, wieħed lanqas jista' jippretendi li l-ħaddiem jiġi kostrett ta' kull darba li jipprotesta jew jieqaf mix-xogħol u li jekk ma jagħmilx dan u jsib ruħu korrut jiġi wara, *after the event*, akkużat li ma messux għamel dak li għamel;

Minn dan li ntqal għandu jirriżulta li, irrispettivament mill-applikazzjoni tas-sistema tal-*Personal Accident Insurance Policy*, għandu jirriżulta li l-konvenuti *nomine* naqsu mid-dover li jaraw li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sigurezza għal min ikun qed jaħdem. Dak li hemm ikkontemplat

fl-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili hu applikabbli għall-każ;

L-espert mediku Dr. Mario Tabone wasal għall-konklużjoni li l-għajn il-leminija ta' l-attur għandha debilitazzjoni permanenti ta' 30%, filwaqt li dak tax-xellug hi normali. Ir-rapport ta' Dr. Tabone jġib id-data 18 ta' April, 1990, imma hu reġa' kkonferma dak li sab b'nota tat-3 ta' Diċembru, 1993 (dok. X u X1);

Minn żewġ deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell in re **Mikiel Refalo** ***pro et noe vs*** **Pawlu Curmi** (13/01/88), wara li din segwiet dak li ntqal in re **Albert Micallef** ***vs*** **Joseph Brockdorff** ***noe***, deċiża minn din l-Onorabbli Qorti fil-11 ta' Ottubru, 1976 u affermata fl-istess Qorti ta' l-Appell u mid-deċiżjoni tal-Prim'Awla in re **Joseph Abela** ***vs*** **Martin Spagnol**, deċiża fit-30 ta' Marzu, 1993, għandu japplika l-metodu xjentifiku segwenti biex wieħed jasal għal grad ta' debilitazzjoni kemm jista' jkun korrett u ġust;

*"It is a fact well established by common experience that the visual efficiency of the individual is by no means reduced to one half (50%) by the complete loss of one eye, vision in the fellow eye remaining normal. Hence the necessity for a weighted average. The researches of the committee show that a weighing factor of 3 applied to the more efficient eye give an efficiency rating of the individual in substantial agreement with the consensus of technical judgement, such judgement being based on actual reproduction, comparison and relative evaluation of various specific conditions of visual efficiency. The industrial efficiency of the individual is then comuted as follows. To the percentage figure which has been determined as the industrial visual efficiency of the less efficient of the two eyes, three times the percentage figure that has been determined similarly for the more efficient eye is added, and the result is*

*divided by 4. The quotient will be the percentage figure that expresses the industrial visual efficiency of the individual. Thus, if the individual efficiency rating of the injured eye is 40% and that of the fellow eyes 100%, the visual efficiency of the individual will be found by the following formula:*

(40 x 1) +/4 (u100 x u3) = 340 = 85%/4

*individual industrial efficiency and compensation should be 15% of the amount for total permanent disability";*

Jekk wieħed jimxi fuq dak li sab Dr. Tabone, wieħed isib li l-għajn milquta ta' l-attur (dik tal-lemin) għandha *efficiency rating* ta' 70%, filwaqt li l-għajn it-tajba (dik tax-xellug) hi normali u għalhekk għandha efficiency rating ta' 100%. Mela l-*formula tinħadem hekk:*

(70 x 1) +/4 (100 x 3) = 360 = 92 ½% / 4

u la darba l-attur għandu *industrial efficiency* ta' 92½% hu jiġi li għandu debilitazzjoni permanenti ta' 7½%;

Għalkemm ma saret l-ebda prova dwar il-qligħ ta' l-attur, l-esponent iħoss li għal ħaddiem fil-Malta Drydocks dan il-*multiplier* li ġej għandu jagħti riżultat ġust:

*7½% of* Lm4,000 - *18 years' purchase* = Lm5,400

Il-*multiplier* ta' tmintax-il sena jiġi kkalkulat fuq *l-identity card* ta' l-attur (758640M) li turi li meta hu korra fis-sena 1981 hu kellu 41 sena;

Għandu jiġi spjegat illi, billi għadda ħafna żmien mid-data

ta' l-inċident, mhux qed issir is-solita 20% *lump sum payment deduction*. Dan hu konformi ma' diversi deċiżjonijiet tal-Qrati, kompriżi dawk tal-Qorti ta' l-Appell in re **Zammit** *vs* **Bezzina** (19/09/1973); **Apap** *vs* **Degiorgio** (16/01/1984), u **Eder** *vs* **Bajada** (29/03/1985). Għalhekk l-ammont li jrid jitħallas mill-konvenuti *nomine* lill-attur hu dak tas-somma ta' Lm5,400";

Ikkunsidrat:

Filwaqt li l-attur irrimetta ruħu għar-relazzjoni, il-konvenuti ressqu diversi ilmenti li issa sejrin jiġi kkunsidrati;

L-għaref perit legali rrelata li l-konvenuti ma sostnewx l-*eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni fid-dawl tad-dokumenti li ġew* esebiti mill-attur;

Illi dawn id-dokumenti jinsabu a fol. 69 u 70 u jikkonsistu f'risposti uffiċjali li ngħataw lill-attur għall-ittri uffiċjali tiegħu rispettivament iddatati 30 ta' Ġunju, 1983, u 5 ta' Awissu, 1985. Iċ-ċitazzjoni odjerna ġiet ippreżentata fil-15 ta' Jannar, 1987 u *innotifikata lill-konvenuti fis-6 ta' Marzu, 1987*. Evidentement il-perit legali qies li t-terminu tal-preskrizzjoni relattiv ġie debitament interrott bl-ittri uffiċjali msemmija u b'hekk huwa irrelata li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ma ġietx sostnuta;

Il-kritika tal-konvenuti hija bbażata fuq l-allegazzjoni li f'dan il-każ ma kienx hemm interruzzjoni skond il-liġi tal-perijodu preskrittiv billi l-ewwel ittra uffiċjali ta' l-attur ċjoè dik tat-30 ta' Ġunju, 1983 ma ntbagħtux (bħat-tieni waħda) liċ-*Chairman* u in rappreżentanza tal-Malta Drydocks, iżda invece ntbagħtet lil Francis Spiteri, għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill tal-Malta Drydocks. Il-konvenuti jsostnu li l-Kunsill tal-Malta Drydocks ma għandux ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Malta Drydocks billi din hija vestita fil-persuna taċ-*Chairman*,

bil-possibilità li żewġ persuni oħra jiġu nnominati għaldaqstant. Il-konvenuti *jsostnu li la l-ittra uffiċjali ta' l-attur intbagħtet* lill-Kunsill u dana m'għandux ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Malta Drydocks, din l-ittra uffiċjali ma sservix bħala interruzzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi, fil-fehma tal-Qorti, din is-sottomissjoni tal-konvenuti ma għandhiex bażi legali. Infatti, l-ittra uffiċjali ta' l-attur kif riflessa mir-risposta esebita, kienet *turi biċ-ċar li hu ried iżomm* férm il-jeddijiet tiegħu kontra l-Malta Drydocks rigward l-inċident li fih korra u għad-danni konsegwenzjali li Francis Spiteri għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill tal-Malta Drydocks, meta irrisponda għall-ittra uffiċjali ta' l-attur ma qal xejn *li hu ma jirrappreżentax lill-Malta Drydocks, kif messu* għamel jekk id-Drydocks riedet li tavvanza b'suċċess din il-pretensjoni. Minflok, huwa indirizza ruħu unikament lejn il-meritu u qal li:

"Il-mittent *nomine* ma jaħtix għall-korriment imsemmi minnek u għalhekk m'huwa responsabbli għall-ebda danni konsegwenzjali *li stajt soffrejt*";

Dana l-operat tal-Kunsill tat-Tarzna *jimplika* li l-Malta Drydocks ġiet notifikata debitament bl-ittra uffiċjali kontenenti l-pretensjoni ta' l-attur u b'hekk saret l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv;

Ta' min isemmi hawn li l-liġi espressament tieħu ħsieb dawk il-każi fejn l-att ta' l-interruzzjoni ma jkunx tant preċiż fil-forma. Jekk fis-sustanza *jkun jidher* biċ-ċar li l-kreditu bi ħsiebu jżomm il-jedd pretiż minnu allura daka l-att ikollu ukoll il-forza li jikser il-preskrizzjoni. Infatti, l-artikolu 2129 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) jiddisponi hekk:

"Il-preskrizzjoni tinkiser allavolja t-talba, il-protest, jew att ġudizzjarju ieħor ikunu null minħabba difett ta' forma, jew minħabba li jkunu ġew ippreżentati quddiem Qorti li mhux il-Qorti kompetenti";

Għal dawn ir-raġunijiet il-kritika tal-konvenuti ma tistax tintlaqa' u għalhekk l-ewwel eċċezzjoni tagħhom qiegħda tiġi miċħuda;

It-tieni kritika tal-konvenuti hija fis-sens li ċ-ċitazzjoni ta' l-attur hija bbażata fuq il-pretensjoni tiegħu li huwa kien kopert b'*Personal Accident Insurance Policy* viġenti għall-haddiema tat-Tarzna u li l-konvenuti *nomine* qed iċaħħduh milli jirċievi kumpens xieraq għall-korriment li sofra *ai termini* tal-polza relattiva. Il-konvenuti sostnew li l-ewwel u t-tieni talba dedotti fiċ-ċitazzjoni huma riżultat ta' din il-pretensjoni ta' l-attur. Huma sostnew li l-attur ma ressaq ebda provi dwar il-polza in kwistjoni u għalhekk kemm l-ewwel talba u kemm it-tieni talba ma jistgħux jintlaqgħu. Il-konvenuti mmarkaw li l-Perit Legali, rinfaċċjat bil-karenza assoluta ta' prova f'dan ir-rigward, issupplixxa huwa stess għal dik il-karenza billi inaspettatament daħal fil-kwistjoni jekk il-Malta Drydocks kellhiex responsabbilità taħt l-artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili, meta ċ-ċitazzjoni ma kien fiha ebda talba f'dan is-sens;

Illi din il-Qorti taqbel mal-konvenuti li l-attur ma ressaq ebda provi konkreti dwar l-eżistenza tal-polza minnu allegata. U la darba l-istess polza lanqas biss ma hija esebita fl-atti, il-Qorti tistaqsi kif jista' wieħed jiddetermina jekk l-attur kienx kopert jew le dwar l-inċident meritu tal-kawża, taħt il-kundizzjonijiet tal-polza? Għalhekk ċertament ma hemmx lok li l-ewwel talba ta' l-attur tintlaqa' minħabba nuqqas ta' provi. La darba l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni, huwa kompletament inutili li jiġu kkunsidrati u deċiżi t-tieni (2) u t-tielet (3) u l-ħames (5)

eċċezzjoni tal-konvenuti billi dawn kollha huma marbuta mal-pretensjoni ta' l-attur li huwa jinsab kopert bil-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni - ħaġa li assolutament ma rriżultatx mill-provi mressqa mill-attur;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, però, il-kawża ma tieqafx hawn. Il-perit daħal fil-kwistjoni tar-responsabbilità tat-Tarzna għal dak li ġralu l-attur, indipendentement mill-eżistenza ta' l-assikurazzjoni msemmija. Wieħed irid jindaga jekk l-għaref perit legali kienx korrett jew le meta ddeċieda illi jagħmel hekk;

Illi eżami akkurat ta' l-att taċ-ċitazzjoni ma jista' jħalli ebda dubbju li l-attur meta ppromuova din il-kawża kellu intenzjoni li jkopri, mhux biss il-pretensjoni li hu kien ħaqqu kumpens għax kopert bl-assikurazzjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni, iżda ukoll il-pretensjoni li t-Tarzna kienet responsabbli għall-inċident li fih korra l-attur u d-danni konsegwenzjali. Tant hu hekk li fil-paragrafu qabel l-ewwel talba, l-attur espressament talab:

"prevja d-dikjarazzjoni ta' responsabbilità għall-inċident *de quo* da parti tal-konvenuti *nomine*";

Din id-dikjarazzjoni ta' responsabbilità hija kjarament intiża li ntalbet *ai termini* ta' l-artikolu 1003 tal-Kodiċi Ċivili. Imbagħad l-attur barra l-likwidazzjoni tal-kumpens ossia benefiċċju dovut a bażi tal-polza ta' assikurazzjoni espressament talab li jiġu likwidati:

"kif ukoll danni oħrajn li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża";

Konsegwentement, l-għaref Perit Legali kien ġustifikat li, fit-termini taċ-ċitazzjoni, jindaga u jirrelata dwar jekk il-

konvenuti *nomine*, in rappreżentanza tat-Tarzna kinux responsabbli jew le għad-danni konsegwenzjali għall-inċident li fih korra l-attur waqt li kien jaħdem fit-Tarzna b'inkarigu tal-konvenuti *nomine*;

It-tielet kritika tal-konvenuti hija bbażata fuq ir-raba' eċċezzjoni tagħhom u ċjoè li l-Malta Drydocks mhijiex responsabbli għall-inċident indikat fiċ-ċitazzjoni u għalhekk lanqas hija responsabbli għad-danni li seta' sofra l-attur;

Huma argumentaw li l-attur ħa riskju żejjed meta baqa' jadħem, waqt li waslu ċ-*chippers* f'anqas minn tletin pied 'il bogħod minnhom. Isostni li l-attur imissu warrab u meta ma għamilx hekk għandu jsofri l-konsegwenzi hu stess tar-riskju li ħa bla bżonn;

Illi din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni tal-konvenuti. Irriżulta li l-attur u sieħbu, Joseph Zammit, kienu l-ewwel fuq il-lant tax-xogħol, jingalvaw pjanċa max-*ship side*. Wara, intbagħtu ċ-*chippers* jaħdmu viċin. Fil-fehma tal-Qorti l-imgħallem, li rriżulta li kien viċin, messu jew ma bagħatx iċ-*chippers* jaħdmu fil-parti tal-bastiment li bagħathom jaħdmu fih tant viċin ta' l-attur, jew imissu waqqaf lill-attur u lil sieħbu mix-xogħol tagħhom u qalilhom iwarrbu, jew almenu jara li jittieħdu prekawzjonijiet oħra suffiċjenti sabiex jiġu evitati disgrazzji lill-ħaddiema, fosthom l-attur, li kienu qegħdin jaħdmu taħt is-sorveljanza tiegħu. Din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjonijiet ta' l-għaref Perit Legali kontenuti fil-paragrafi 10 sa 13 tar-relazzjoni. Għalhekk hija sodisfatta li l-konvenuti *nomine* naqsu mid-dover tagħhom li jassiguraw li l-post tax-xogħol ikun dejjem fi stat raġonevoli ta' sikurezza għall-ħaddiema tagħhom. Konsegwentement, il-konvenuti *nomine* huma responsabbli għal dak li ġara lill-attur u huma obbligati li jagħmlu tajjeb għad-danni li sofra l-attur fl-inċident in

kwistjoni;

Ir-raba' kritika tal-konvenuti tirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-Perit. Speċifikatament ġie rrimarkat illi la darba l-attur ma għamilx il-prova ta' kemm jaqla flus mill-impieg tiegħu u lanqas ta' l-età tiegħu, il-perit legali ma kienx awtorizzat jassumi li kien jaqla Lm4,000 fis-sena u li kellu l-età ta' 41 sena. Fil-fehma tal-Qorti, anke din il-kritika ma tistax tintlaqa' billi huwa ġust li min ikollu dover li jiddeċidi jipprova jsalva dak li hu salvabbli sakemm b'daqshekk ma ssirx xi inġustizzja lill-parti l-oħra. F'dan il-każ, il-Perit Legali ma għamel xejn ħażin li għamel użu minn fatti li huma komunement rinomati bħal ma huma l-paga ta' ċertu ħaddiem fit-Tarzna u li l-età tista' toħroġha mill-aħħar żewġ numri tan-numru tal-Karta ta' *l-Identità ta' dak li jkun. In-numru in kwistjoni* jidher a tergo ta' fol. 3 tal-proċess;

Il-fatt ta' kemm jaqla flus mill-impieg l-attur u l-fatt ta' l-età tiegħu, ċertament mhumiex fatti li fuqhom kien hemm jew għandu jkun hemm xi disgwid, u jekk dak li assuma l-Perit Legali ma kienx korrett allura l-konvenuti setgħu faċilment *jindikaw il-figuri korretti, jekk mhux lill-Perit stess, ċertament* lil din il-Qorti, wara li nħalef ir-rapport u l-Qorti kienet tara li jsiru l-aġġustamenti neċessarji;

Illi l-konvenuti kkritikaw ir-rapport ta' l-espert mediku li jinsab a fol. 51 tal-proċess. Qalu li l-konklużjonijiet li fih huma bbażati fuq dak li qal l-attur u huma pjuttost ipotetiċi u ekwivoċi;

Illi din hija materja teknika u din il-Qorti ma tistax taċċetta din il-kritika vaga. Il-liġi tagħti l-parti l-fakultà li titlob in-nomina ta' periti addizzjonali u l-konvenuti ma għamlux użu minn din il-fakoltà. A fol. 4 tal-proċess, l-attur esebixxa ċ-

ċertifikat ta' l-oftalmologu li eżamina lil-attur qabel il-kawża u li jindika li l-attur;

"*has therefore lost his right eye totally*";

Kif solitu jsir, din il-Qorti ma qagħditx fuq dan iċ-ċertifikat, billi huwa *ex parte* u ġie nnominat espert mediku indipendenti, li wasal għall-konklużjoni li l-għajn tal-lemin ta' l-attur għandha disabilità ta' 30%. Din hija ċertament materja prettament teknika u fiċ-ċirkostanzi din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex m'għandhiex toqgħod fuq dak li sab u kkonkluda l-espert Dottor Tabone;

Illi l-Perit Legali applika l-metodu xjentifiku li jissemma fir-relazzjoni sabiex wasal għall-konklużjoni li l-attur kellu debilitazzjoni permanenti ta' 7½%. Il-Perit illikwida d-danni dovuti lill-attur (a bażi ta' qligħ ta' Lm4,000 u *multiplier* ta' tmintax (18)-il sena) fis-somma ta' Lm5,400 u rrelata li a tenur tal-ġurisprudenza ċċitata minnu ma hemmx lok li titnaqqas l-20% *lump sum payment deduction* billi għadda ħafna żmien mid-data ta' l-inċident;

Illi din il-Qorti jidhrilha li l-Perit Legali għamel apprezzament tajjeb u ġust tal-provi li tressqu u applika korrettement il-prinċipji ta' dritt li jirregolaw il-każ. Għalhekk il-konklużjonijiet peritali qegħdin jiġi addottati";

Appellat minn din is-sentenza biss il-Malta Drydocks. L-attur aċċetta s-sentenza u la prinċipalment u lanqas inċidentalment ma jikkontesta l-likwidazzjoni tad-danni magħmula mill-Ewwel Qorti. Din il-Qorti jeħtiġilha allura tikkunsidra l-aggravji tal-Korporazzjoni appellanti u tara jekk dawn kinux sostenibbli fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti għad-deċiżjoni tagħha. Il-Qorti sejra

teżamina l-aggravji ta' l-appellanti *nomine* fl-ordni kif minnhom sottomessi billi tesponi kull aggravju segwit mill-osservazzjonijiet tagħha. Naturalment, hi tagħmel dan l-eżerċizzju sakemm ma tirriżultax aggravju li jiġġustifika l-appell fl-interezza tiegħu;

L-ewwel aggravju jirrigwarda ċ-ċaħda mill-Ewwel Qorti ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni billi rriteniet li kien hemm interruzzjoni skond il-liġi. L-appellanti jsostnu, li tali interruzzjoni ma tirriżultax mill-atti u konsegwentement dik il-Qorti kien messha laqgħet dik l-eċċezzjoni tagħha;

Hu sottomess illi l-attur naqas li jesebixxi l-ittri uffiċjali nterruttivi tal-perijodu preskrittiv ta' l-azzjoni. L-appellanti *nomine* jaċċettaw - u dan jirriżulta mill-atti taċ-ċitazzjoni mnejn jidher illi l-attur qed jitlob il-ħlas ta' l-ittri uffiċjali li hu għamel- naturalment biex jippreserva l-jeddijiet minnu avvanzati f'din il-kawża li ġew minnu ppreżentati żewġ ittri uffiċjali fit-30 ta' Ġunju, 1983 u fil-5 ta' Awissu, 1985. L-inċident jirriżulta li ġara fit-22 ta' Awissu, 1981. Hu minnu li l-attur ma esebix kopji ta' dawn l-atti uffiċjali minnu spediti però, kif jirrileva l-istess konvenuti *nomine*, hu stess esebixxa żewġ risposti li kien irċeva għal dawn l-ittri uffiċjali lill-Korporazzjoni appellanti f'dati li jaqblu ma' dawk indikati minnu fiċ-ċitazzjoni. Ma jista' jkun hemm allura l-ebda dubbju la dwar il-fatt li dawn l-ittri uffiċjali ġew spediti u lanqas dwar il-fatt li kienu ġew debitament notifikati u dana ċertament sad-dati li fihom saru r-risposti u ċjoè sal-5 ta' Awissu, 1983 u sas-27 ta' Awissu, 1986;

L-appellanti *nomine* qed jikkontestaw il-fatt li l-ewwel ittra uffiċjali tat-30 ta' Ġunju, 1983 kienet utili biex tinterrompi l-perijodu preskrittiv in kwantu din kienet diretta kontra l-Kunsill tal-Malta Drydocks u mhux kif korrettement kienet it-

tieni waħda, kontra l-Malta Drydocks. Din il-Qorti ma tikkontestax is-sottomissjoni ta' l-appellanti *nomine* illi l-Kunsill tat-Tarzna huwa differenti mill-Malta Drydocks u anke li dan ma kellux ir-rappreżentanza tal-Malta Drydocks li kienet bil-liġi vestita liċ-*Chairman* tiegħu. Però, ċertament, ir-rappreżentanza ġudizzjarja tal-Malta Drydocks hi mhux biss illum għal kollox irrilevanti in kwantu wara l-emendi ta' l-Att XXIV ta' l-1995 hu biżżejjed li enti bħal Korporazzjoni konvenuta tiġi ċċitata bħala tali mingħajr referenza għall-persuni ġuridiċi li kellhom id-dritt li jirrappreżentawha, imma ukoll, għall-fini tal-validità ta' l-interruzzjoni tal-perijodu preskrittiv, hu biżżejjed li l-istess ittra uffiċjali tkun b'ċertezza tindika lill-persuna fiżika jew morali li kontra tagħha tkun qed tiġi ndirizzata l-pretensjoni li eventwalment tkun tifforma l-meritu ta' l-azzjoni li l-att ġudizzjarju jkun maħsub biex jippreserva u jittutela. Fil-każ taħt eżami ma jista' jkun hemm ebda dubbju oġġettivament u lanqas seta' jkun hemm dubbju f'moħħ l-intimati li ġew biha notifikati illi l-mittenti - l-attur - kien qed jirreferi għall-inċident li fih korra fuq ix-xogħol fit-Tarzna, li kien qed jippretendi r-riżarċiment tad-danni konsegwenzjali minnu sofferti u li dawn kien qiegħed jippretendihom mit-Tarzna li fiha kien jaħdem u mingħand min kien jamministraha, sew jekk dan kien iċ-*Chairman* in rappreżentanza tagħha u sew jekk kien il-Kunsill ta' l-amministrazzjoni. Ċertament id-dritt tal-kreditu li jittutela l-azzjoni tiegħu kontra d-dekors tal-perijodu preskrittiv li jestingwiha, ma setax ikun jiddependi fuq kavill legalistiku dwar kif u minn min kellu jiġi rappreżentat id-debitur. Li hu neċessarju hu li dan ikun kjarament u mingħajr ombra ta' dubbju identifikabbli u identifikat b'ittra uffiċjali. Fir-rigward ta' l-ewwel ittra uffiċjali - dik jiġifieri li skond il-mittent hi inutili għall-fini ta' l-interruzzjoni - sewwa jingħad li mhux biss il-Kunsill tal-Malta Drydocks ma ddikjarax l-estraneità tiegħu fir-rigward tar-responsabbilità għat-tmexxija tat-Tarzna fejn sar l-inċident, imma saħansitra rrespinġa bħala nfondati l-

pretensjonijiet tal-mittent, l-attur; billi "il-mittent *nomine* (iċ-*Chairman* in rappreżentanza tal-Kunsill) ma jaħtix għall-korriment imsemmi minnek u għalhekk ma huwa responsabbli għall-ebda danni konsegwenzjali li stajt soffrejt". Wieħed jifhem illi din ir-risposta hi waħda fil-meritu għaliex hu impensabbli li l-Kunsill tal-Malta Drydocks - wieħed mill-*good employers* parastatali - kien ser jiżvija lill-impjegat tiegħu b'*risposta ta' din ix-xorta li tapprofitta ruħha mil-lapsus* proċedurali apparenti. Dik il-konsiderazzjoni hi msaħħa mill-fatt li din ir-risposta taċ-*Chairman* tal-Kunsill tat-Tarzna hi fid-diċitura identika għar-risposta l-oħra li ċ-*Chairman* tal-Malta Drydocks għamel għat-tieni ittra uffiċjali fuq imsemmija;

L-appellanti *nomine* jsostnu li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda prova dwar il-kontenut ta' l-ittri uffiċjali mibgħuta mill-attur u ma setgħetx allura tapprezza li dawn kienu jirreferu għall-inċident meritu tal-kawża. Dan l-aggravju hu kjarament insostenibbli għaliex mir-risposti stess tal-Korporazzjoni intimata jirriżulta ddikjarat li bl-ittri uffiċjali spediti kontra tagħhom, l-attur jirreferi għall-korriment u għal danni konsegwenzjali li sofra u ma jistax ma jkunx loġiku li kien ovvju li dan il-korriment kien wieħed li l-attur jippretendi li sofrih waqt ix-xogħol u li kien għalhekk li kien qed jiċċita lil min kien iħaddmu. Minn imkien mill-atti ma jidher li f'xi mument l-appellanti *nomine* kienu qegħdin jikkontendu, waqt it-trattazzjoni tal-kawża, li l-attur seta' kellu xi raġuni oħra għaliex iżommhom responsabbli għal xi danni mingħand il-Malta Drydocks, kienet x'kienet ir-raġuni;

Aggravju ieħor ta' l-appellanti *nomine* kien jirrigwarda l-komputazzjoni tal-perijodi preskrittivi estintivi ta' l-azzjoni, minn meta dawn kellhom jitqiesu li bdew jiddekorru u kif kellhom jiġu stabbiliti u komputati. Huma jissottomettu li anke jekk jittieħed - kif il-Qorti qed taċċetta - li dawn iż-żewġ ittri ġudizzjarji interpellatorji kienu validi fil-forma u fil-kontenut

biex jinterrompu l-preskrizzjoni, xorta tali interruzzjoni ma avveratx ruħha fir-rigward ta' l-ewwel perijodu preskrittiv. Isostnu illi jekk verament l-attur appellat kien kiser il-preskrizzjoni bl-ittra uffiċjali tiegħu tat-30 ta' Ġunju, 1983, l-effett tagħha kien illi ż-żmien li għadda qabel dik id-data ma jgħoddx imma li dan reġa' beda għaddej bħala terminu ġdid ta' sentejn minn dik id-data tal-ksur tal-preskrizzjoni. Għalhekk il-perijodu ġdid ta' preskrizzjoni li beda jiddekorri għal żmien sentejn wara t-30 ta' Ġunju, 1983, kien effettivament skada fit-30 ta' Ġunju, 1985. It-tieni ittra uffiċjali saret però fil-5 ta' Awissu, 1985, jiġifieri wara li kien skada t-terminu ta' sentejn. Hu paċifiku illi l-preskrizzjoni hija mezz sabiex wieħed jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi (artikolu 2107 (2) tal-Kap. 16). Il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata (artikolu 2137). F'dan il-każ allura l-azzjoni setgħet tiġi eżerċitata fil-mument meta allegatament ġara l-inċident u ċjoè fit-22 ta' Awissu, 1981, waqt li l-preskrizzjoni tagħlaq minnufih li jgħaddi l-aħħar jum taż-żmien meħtieġ għall-preskrizzjoni (artikolu 2139 (1)). Dan sakemm ma javverawx ruħhom ċirkostanzi li jissospendu jew jiksru d-dekors ta' dak it-terminu jew xi kawża li timpedixxi l-preskrizzjoni. Huma rilevanti għall-każ taħt eżami id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili fir-rigward ta' l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, li tista' tinkiser ukoll b'kull att ġudizzjarju ppreżentata fl-isem tal-kreditur u notifikat lill-parti li kontra tagħha wieħed ikun irid li ma jħallix timxi l-preskrizzjoni (artikolu 2128). Meta f'każijiet bħal dawn il-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għalbiex wieħed jippreskrivi iżda l-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid (artikolu 2136 tal-Kap. 16). Dan l-aħħar artikolu ġie dejjem interpretat mill-ġurisprudenza li jfisser li meta l-perijodu preskrittiv li jkun beda jiddekorri mid-data minn mindu l-kreditur seta' jintavola l-azzjoni tiegħu jiġi miksur permezz ta' att ġudizzjarju, il-perijodu preskrittiv in kwistjoni jerġa' jibda

jiddekorri mid-data tan-notifika lid-debitur ta' dak l-att ġudizzjarju. Dan ifisser li għall-fini ta' l-estinzjoni ta' l-azzjoni, wieħed neċessarjament irid jikkalkola li jkun iddekorra l-perijodu stabbilit u applikabbli għall-azzjoni ittentata mid-data ta' tali notifika sad-data tal-preżentata tat-talba ġudizzjarja (artikolu 2131);

"*La prescrizione interrotta con un atto giudiziario, che non si svolge in una serie continuata di altri atti, riprende immediatamente il suo corso, e se l'atto interruttivo non produce novazione la prescrizione che si ricomincia è di natura e di duratura uguale a quella che correva prima della interruzione*" (Vol. XIV.156; Vol. XVI.III.51);

"*Interrotte la prescrizione, il tempo anteriormente decorso non ha alcun effetto, e la prescrizione può di nuovo incominciare* " (Vol. X.550);

Il-kelma espressa tal-liġi u l-ġurisprudenza kostanti li tinterpretaha ma jħallu lil din il-Qorti l-ebda spazju li tiddeċidi differentement jekk jirriżultalha, kif jidher li kjarament jirriżulta fil-każ taħt eżami, illi l-perijodu preskrittiv estintiv ta' l-azzjoni jkun effettivament iddekorra inutilment. Ma tirriżulta l-ebda raġuni oħra għaliex dan it-terminu kellu jitqies li ġie b'xi mod interrott jew sospiż. Ma tirriżulta ebda ammissjoni jew rikonoxximent tad-debitu da parti tal-konvenut *nomine*. Konsegwentement din il-Qorti jeħtiġilha tapplika l-liġi kif inhi. Għal kull buon fini jiġi nnotat illi din il-Qorti ikkostatat mill-att illi l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Ġunju, 1983 ġiet bilfors notifikata lill-Malta Drydocks sal-5 ta' Awissu, 1983, data meta l-Kunsill tat-Tarzna rrisponda għaliha;

Din il-Qorti, fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, billi d-deċiżjoni dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni timporta l-

estinzjoni ta' l-azzjoni ta' l-attur immirata għall-ħlas ta' kumpens konsegwenzjali għad-diżabilità permanenti, ħasset il-ħtieġa li tivverifika, mill-arkivji tal-Qrati, id-data meta dan l-att ġudizzjarju ġie nnotifikat lil Francis Spiteri in rappeżentanza tal-Kunsill tal-Malta Drydocks. Jirriżultalha mill-atti fl-arkivji illi din l-ittra uffiċjali ġiet effettivament notifikata fil-5 ta' Lulju, 1983. Indubbjament allura, it-terminu preskrittiv ta' sentejn kien skada fid-dati bejn it-30 ta' Ġunju, 1983 meta ġiet ippreżentata l-ewwel ittra uffiċjali u fil-5 ta' Awissu, 1985 meta ġiet ippreżentata t-tieni ittra uffiċjali. L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ssollevata mill-konvenuti *nomine* ma tistax allura ma tiġix milqugħa;

Mhux il-każ li din il-Qorti tinvestiga l-aggravji l-oħra ta' l-appellanti. Din il-Qorti jidhrilha però li hemm lok f'dan il-każ għal temperament fuq il-kap ta' l-ispejjeż in kwantu jirriżulta mill-atti illi ma saret l-ebda enfasi fit-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti fuq iċ-ċirkostanza illi kien hemm lok biex l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tiġi milqugħa minħabba l-fatt illi kienu għaddew sentejn illi fihom il-perijodu preskrittiv ma kienx ġie interrott. Ma jirriżultax jekk din is-sottomissjoni kinitx saret quddiem l-Ewwel Qorti. Ċertament, però, is-sentenza appellata ma tagħmel l-ebda referenza għal din iċ-ċirkostanza determinanti għall-eżitu tal-meritu quddiema. Jixraq allura li l-ispejjeż tal-kawża jiġu ssopportati bla taxxa bejn il-kontendenti għaliex kien quddiem din il-Qorti li dan l-aspett ġie sewwa indagat u deċiża;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi milqugħ u s-sentenza appellata revokata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-kontendenti.